# *INHEBA, JA QAMAR!*

Sunett ta' P. Ġ. DELIA, S.J.

*Inħeba u la tidhirx, qamar bajdani,*
*Li ssaltan waħdek fis-sigħat lejlija,*
*Ġod-dija mberraħ tas-smewwiet, kaħlani,*
*Biex twennes il-bnedmin f'din l-art dalmija!*

*Inħeba u la tidhirx! wiċċek daħkani,*
*Li serħ u sliem kien fuq kulħadd mad-dija*
*Isawwab ġewwa l-qlub tal-fqir u l-għani,*
*Illum biss dieqa jġib f'ruħna mifnija.*

*Dieqa ta' biża'! Għax meta int f'miljitek*
*Titbissem sieket fuq din l-art għajjiena*
*W il-ġmiel ixxerred ta' ħlewwiet dijitek,*

*L-għadu jinqeda bik! Bħal ruħ ħajjiena*
*Jittajjar fuqna bi ġwenħajh dellija*
*W jiżra' wrajh: il-ħerba, d-dmugħ, u d-dmija.*

*3 ta' Frar, 1942.*